MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru 2015

Rikors Maħluf Numru: 826/2015 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Josef Grima (K.I. numru 506583(M))**
2. **Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima (K.I. numri 81144(M) u 77147(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fl-1 ta' Settembru, 2015 li jaqra hekk:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tliet kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia, tnejn minnhom datati 16 ta' Settembru 2011 (Dok. "A" u "B") u l-ieħor datat 23 ta' Diċembru 2011 (Dok. "C") is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Josef Grima;*

2. *Illi s-socjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Josef Grima fis-somma ta' tnejn u disgħin elf, disa' mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€92,923.97) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Josef Grima mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D" u Dok. "E1 sa E2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi permezz ta' tliet kuntratti, magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia tnejn minnhom datati 16 ta' Settembru 2011 (Dok. "A" u "B") u l-ieħor datat 23 ta' Diċembru 2011 (Dok. "C"), il-konvenuti Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Josef Grima, sal-valur ta' sebgħin elf Euro (€70,000.00), a favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti tal-istess Josef Grima mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

4. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fit-tliet kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokumenti "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Grima u Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima*

   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Josef Grima u Francis u Maria Assunta*

*miżżewġin Grima li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*

5. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

6. *Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' żewg ittri uffiċjali datati 24 t'April 2014 li kopji tagħhom ġew esebiti u mmarkati Dok. "F" u "G", sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex Din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Grima u Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Josef Grima u Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*

2. *Tikkundanna lil Josef Grima jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u disgħin elf, disa' mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€92,923.97) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Josef Grima mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D" u Dok.*

*"E1 sa E2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Tikkundanna lil Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima jħallsu flimkien u "in solidum" lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000.00), bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Josef Grima mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D" u Dok. "E1 sa E2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati 24 t'April 2014 (Dok. "F" u "G") kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit ta' Joseph Caruana rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti kienu debitament notifikati u li iżda ma kinux ipprezentaw risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Semgħet ix-xhieda ta' Rose Cortis, litigation officer tas-soċjetà attriċi li kkonfermat bil-ġurament li l-konvenuti ma kienu ħallsu xejn mid-debitu minn meta s-soċjetà attriċi ppreżentat ir-Rikors Maħluf tagħha.
Rat li fl-istess seduta din il-Qorti akkordat għaxart ijiem lill-konvenuti biex iressqu nota ta' sottomissjonijiet, iżda dawn baqgħu ma ressqu xejn.

Rat li fl-istess seduta tat-2 ta' Novembru, 2015 il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Jirriżulta li s-soċjetà attriċi ppruvat l-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tal-konvenuti, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi –**

**(i) Tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti Dokument "A", "B" u "C", partikolarment imma mhux esklussivament, billi Josef Grima u Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew; (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Josef Grima u Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;**

**(ii) Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut Josef Grima bħala d-debitur prinċipali jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u disgħin elf, disa' mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu**

**(€92,923.97) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Josef Grima mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Mejju 2015 sal-jum tal-effettiv pagament;**

**(iii) Tiddikjara lill-konvenuti Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima, bħala garanti, responsabbli *in solidum* mal-konvenut l-ieħor Josef Grima għall-ħlas tad-dejn inkwistjoni iżda biss sal-valur ta' sebgħin elf Euro (€70,000.00), u għalhekk tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Francis u Maria Assunta miżżewġin Grima flimkien u *in solidum* bejniethom u mal-konvenut Josef Grima, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000.00), flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Mejju, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------